DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/349

tat-22 ta' Frar 2019

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti għall-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-FAP Rivedut"), u l-Istati Membri tagħha huma koperti mill-FAP Rivedut skont il-liġi tal-Unjoni.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perijodu. B'mod awtomatiku, il-FAP Rivedut mhux ser jibqa' japplika għar-Renju Unit minn dik id-data.

(3) Fl-1 ta' Ġunju 2018 ir-Renju Unit, bl-appoġġ tal-Unjoni, applika biex jaderixxi mal-FAP Rivedut.

(4) Skont l-Artikolu XXII:2 tal-FAP Rivedut, kwalunkwe Membru tad-WTO jista' jaderixxi ma' dak il-Ftehim skont termini li jiġu miftiehma bejn dak il-Membru u l-Partijiet, skont termini ddikjarati f'deċiżjoni adottata mill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-Kumitat FAP"). L-adeżjoni trid issir billi jiġi ddepożitat mad-Direttur Ġenerali tad-WTO strument ta' adeżjoni li jistipula t-termini miftehmin. Il-FAP Rivedut jidħol fis-seħħ għall-Membru li jaderixxi miegħu fit-30 jum wara li jiġi ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni tiegħu.

(5) L-impenji tar-Renju Unit dwar il-kopertura tal-aċċess għas-suq tal-akkwisti pubbliċi huma stipulati fl-offerta finali tiegħu, li ntbagħtu lill-Partijiet għall-FAP fit-2 ta' Ottubru 2018.

(6) L-offerta finali tar-Renju Unit hija xierqa billi l-impenji tal-kopertura li r-Renju Unit joffri lill-Unjoni huma l-kopertura massima li għandu r-Renju Unit skont l-iskeda FAP tal-Unjoni, li tikkorrispondi mal-kopertura li għandu attwalment ir-Renju Unit skont l-iskeda tal-Unjoni bħala Stat Membru. Jenħtieġ li l-Unjoni tipprovdi trattament reċiproku u taddatta l-iskeda tagħha sabiex tipprovdi livell ta' aċċess korrispondenti għall-operaturi ekonomiċi tar-Renju Unit skont il-FAP Rivedut. Barra minn hekk, huma meħtieġa kjarifiki fl-iskeda tal-Unjoni fl-Appendiċi I tal-FAP Rivedut billi r-Renju Unit mhuwiex ser jibqa' kopert minn dik l-iskeda skont il-FAP Rivedut. Dawn it-termini, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, ser isiru parti mit-termini tal-adeżjoni mal-FAP Rivedut għar-Renju Unit u ser ikunu riflessi fid-deċiżjoni li tiġi adottata mill-Kumitat FAP mal-adeżjoni tar-Renju Unit.

(7) Għaldaqstant huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat FAP b'rabta mal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-FAP Rivedut.

(8) F'każ li jkun hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni li jipprevedi perijodu ta' tranżizzjoni li fih tkun tapplika l-liġi tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lill-Partijiet l-oħrajn għall-FAP li r-Renju Unit irid jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet tal-FAP Rivedut matul dan il-perijodu ta' tranżizzjoni. B'hekk, ir-Renju Unit ikun kopert mill-FAP Rivedut sad-data ta' skadenza tal-perijodu ta' tranżizzjoni li tkun ġiet miftiehma. F'dak il-każ, jenħtieġ li r-Renju Unit jissottometti għadd ta' tweġibiet aġġornati għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' tranżizzjoni. Il-Kumitat FAP imbagħad jirrevedi t-tweġibiet aġġornati tar-Renju Unit għal-Lista ta' Kontroll tal-Kwistjonijiet u jieħu qies ta' xi tkun id-deċiżjoni xierqa f'dak il-ħin.

(9) Filwaqt li r-Renju Unit ma jkunx sar pajjiż terz meta l-Kumitat FAP jiddeċiedi dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-FAP Rivedut, huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura li l-FAP Rivedut jidħol fis-seħħ għar-Renju Unit mill-jum wara dak li fih il-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih. Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u marbut bl-obbligi kollha tat-Trattati, fost dawn il-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.

(10) Jekk il-liġi tal-Unjoni tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnotifika lill-Kumitat FAP, f'isem l-Unjoni fi żmien 30 jum tad-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tar-Renju Unit, li r-Renju Unit għadu kopert mill-FAP Rivedut skont il-liġi tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-Kumitat FAP") għandha tkun li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-FAP Rivedut"), soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni u għat-termini tal-adeżjoni stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni dment li l-interessi tal-Unjoni ma jiġux affettwati b'mod negattiv mill-pożizzjoni ta' Partijiet oħrajn għall-FAP.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni skont l-Artikolu 1 għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li d-deċiżjoni tal-Kumitat FAP ikun fiha d-dispożizzjonijiet li jiżguraw dan li ġej:

1. jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-ħruġ bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni li jkun jipprevedi perijodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit għandu l-permess jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu mad-Direttur Ġenerali tad-WTO, dment li jagħmel dan:

   (a) mhux aktar kmieni minn 30 jum qabel id-data li fiha r-Renju Unit ma jibqax Stat Membru; u

   (b) fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat FAP, dment li ż-żmien għas-sottomissjoni tal-istrument ma jittawwalx mill-Kumitat;

2. jekk qabel ma jgħaddu 30 jum wara li r-Renju Unit ikun iddepożita l-istrument ta' adeżjoni tiegħu, l-Unjoni tinnotifika lill-Kumitat FAP li r-Renju Unit għadu kopert mill-FAP Rivedut skont il-liġi tal-Unjoni, dak id-depożitu jitqies li ma jkunx sar fit-tifsira tal-Artikolu XXIV:2 tal-FAP tal-1994 u tal-Artikolu XXII:2 tal-FAP Rivedut.

Artikolu 3

Fil-każ li l-liġi tal-Unjoni tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, il-Kummissjoni hija awtorizzata tinnotifika lill-Kumitat FAP, f'isem l-Unjoni, fi żmien 30 jum tad-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni tar-Renju Unit, li r-Renju Unit għadu kopert mill-FAP Rivedut skont il-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
G. CIAMBA

ANNESS

IT-TERMINI TAL-UE TAL-ADEŻJONI TAR-RENJU UNIT MAL-GPA GĦALIH WAĦDU

Mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliċi għar-Renju Unit għalih waħdu:

— il-punt 1 tat-Taqsima 2 ("L-Awtoritajiet Kontraenti tal-Gvernijiet Ċentrali tal-Istati Membri tal-UE") tal-Anness 1 għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut għandu jinqara kif ġej:

"1. Għall-prodotti, is-servizzi, il-forniturі u l-provdituri tas-servizzi tal-Liechtenstein, tal-Iżvizzera, tal-Iżlanda, tan-Norveġja, tan-Netherlands rigward Aruba u r-Renju Unit, l-akkwisti tal-awtoritajiet kontraenti tal-gvernijiet ċentrali kollha tal-Istati Membri tal-UE. Il-lista ta' hawn taħt hija indikattiva".

— It-Taqsima 2 tal-Anness 6 għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut għandha tinqara kif ġej:

"Meta l-kuntratti ta' konċessjoni ta' xogħol jingħataw minn entitajiet tal-Annessi 1 u 2 jiddaħħlu fir-reġim ta' trattament nazzjonali għall-provdituri ta' servizzi ta' kostruzzjoni tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja, tan-Netherlands f'isem Aruba, l-Iżvizzera, Montenegro u r-Renju Unit, dejjem jekk il-valur tagħhom ikun ta' 5 000 000 SDR jew iżjed, u għall-provdituri ta' servizzi ta' kostruzzjoni tal-Korea; dejjem jekk il-valur tagħhom ikun ta' 15 000 000 SDR jew iżjed".

— In-nota ta' qiegħ il-paġna għat-titolu "L-Unjoni Ewropea" għall-Annessi għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut u għat-titolu "Unjoni Ewropea" skont il-Ftehim tal-1994 għandha tinkludi in-nota' qiegħ il-paġna li ġejja:

"Ir-referenzi kollha għall-awtoritajiet kontraenti u għall-entitajiet kontraenti tar-Renju Unit li fil-preżent jinsabu fl-Annessi għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea huma obsoleti".